KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RUIZ-JARABO COLOMER
ippreżentati fit-3 ta' Ġunju 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom tkompli tqajjem dubji ta' interpretazzjoni fost il-qrati nazzjonali [2].

2. Jiena kelli l-okkażjoni nittratta dwar dan it-test fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-kawża Everson [3], iżda jeħtieġ, għal darb'oħra, li jiġi analizzat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 80/987, meta impriża f'sitwazzjoni ta' insolvenza twettaq attivitajiet f'diversi Stati Membri, il-kriterji li jiġġustifikaw l-assenjazzjoni ta' kompetenza lil awtorità nazzjonali, kif ukoll l-effett dirett ta' ċerti dispożizzjonijiet tagħha. Wara l-emenda tad-Direttiva li saret fl-2002 [4], id-domandi mqajma, għalkemm mhumiex kompletament ġodda, jeħtieġu risposta min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja.

II — Il-fatti tal-kawża prinċipali

3. Anders Holmqvist, xufier f'isem il-kumpannija Jörgen Nilsson Akeri och Spedition AB, kien jipprovdi servizzi ta' ġbir ta' merkanzija mill-Italja li huwa kien imbagħad jikkunsinna fl-Isvezja, pajjiż li fih l-impriża kienet topera normalment. Kemm fl-Isvezja kif ukoll fl-Italja, ir-responsabbiltà ta' A. Holmqvist kienet testendi ugwalment għas-superviżjoni tal-operazzjonijiet ta' tgħabbija u ta' ħatt. Fil-kuntest tal-obbligi professjonali tiegħu, A. Holmqvist kien jaqsam bit-triq it-territorju tal-Awstrija u tal-Ġermanja.

4. L-impriża kellha ċ-ċentru tal-attivitajiet tagħha fil-belt Svediża ta' Tjörnarp u ma kellha ebda kumpannija sussidjarja jew xi tip ta' rappreżentanza kummerċjali oħra barra mill-pajjiż.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.
2 — ĠU L 283, p. 23.
3 — Jiena ppreżentajt il-konklużjonijiet tiegħita' din il-kawża fid-9 ta' Settembru 1999, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Diċembru 1999 (C-198/98, Ġabra p. I-8903).
4 — Direttiva 2002/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, li temenda d-Direttiva 80/987 (ĠU 270, p. 10).

5. L-impriża ġiet iddikjarata falluta fl-10 ta' April 2006 mil-Lunds tingsrätt (qorti tad-distrett ta' Lund). Fis-27 ta' Ġunju 2006, l-amministratur ikkonċeda lil A. Holmqvist il-benefiċċju tal-garanzija fuq is-salarju dovuta lilu, b'applikazzjoni tal-Lönegarantilagen (il-liġi dwar il-garanzija tas-salarji) tal-1992, test leġiżlattiv li jittrasponi d-Direttiva 80/987 fis-sistema legali nazzjonali.

6. Peress li ma qablitx mad-deċiżjoni tal-amministratur, it-Tillsynsmyndigheten i concursen (awtorità ta' kontroll fil-proċeduri ta' falliment, iktar 'il quddiem l-"awtorità ta' kontroll") ressqet azzjoni ġudizzjarja fejn sostniet illi A. Holmqvist ma kellux dritt għall-garanzija tas-salarju sa fejn huwa wettaq il-funzjonijiet tiegħu fi Stati Membri oħra, differenti mill-Isvezja, u li b'hekk huwa kellu iressaq talbiet insostenn tad-drittijiet tiegħu f'dawn l-Istati Membri l-oħra.

III — Il-kuntest ġuridiku

7. Id-Direttiva 80/987 hija intiża sabiex tipprovdi livell minimu ta' protezzjoni lill-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, u għal dan il-għan hija,"tobbliga lill-Istati Membri li jistabbilixxu korp li jiggarantixxi l-ħlas tal-pretensjonijiet mhux imħallsa ta' l-impjegati kkonċernati" [5]. B'dan il-għan, hija tintegra definizzjoni awtonoma tal-kunċett ta' min iħaddem fi stat ta' insolenvza [6] u ċerti miżuri konkreti [7].

8. Fis-snin disgħin, il-Qorti tal-Ġustizzja tat żewġ sentenzi preliminari sabiex ittaffi l-effetti negattivi li jirriżultaw fil-proċeduri ta' insolvenza karatterizzati mill-eżistenza ta' konnessjonijiet transkonfinali. Il-kawżi Mosbaek [8] u Everson [9] ipprovdew ċerti kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat liema kienet l-istituzzjoni ta' garanzija obbligata li tħallas il-pretensjonijiet, f'każijiet fejn min iħaddem ikun eżerċita l-professjoni tiegħu f'iktar minn Stat Membru wieħed.

9. Fl-2001, il-Kummissjoni bdiet riforma tad-Direttiva 80/987 [10] bil-għan li tirrifletti l-iżviluppi fil-ġurisprudenza stabbilita mis-sentenzi Mosbaek et Everson [11], filwaqt li rrikonoxxiet li "in-nuqqas ta' dispożizzjoni espli-

5 — Jiena nuża' d-deskrizzjoni mogħtija fid-Direttiva 2002/74, li tipprečiża, fit-tieni premessa tagħha, li dan huwa *obbligu pożittiv*.

6 — Artikolu 2 tad-Direttiva.

7 — Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva.

8 — Sentenza tas-17 ta' Settembru 1997 (C-117/96, Ġabra p. 5017).

9 — Sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

10 — Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 80/987, COM(2002) 832, tal-15 ta' Jannar 2001.

11 — Il-Kummissjoni tiġġustifika l-proposta tagħha billi tiddikjara li hija intiża li "tiżgura ċ-ċertezza legali neċessarja u [biex] issaħħaħ id-drittijiet ta' l-impjegati fis-sens indikat mill-Qorti tal-Ġustizzja". Hija ssemmi wkoll is-sentenzi Everson u Mosbaek (proposta ta' direttiva, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti, p. 9).

ċita […] li tiddetermina liema istituzzjoni ta' garanzija hija kompetenti għall-ħlas ta' pretensjonijiet ta' salarji f'każijiet ta' insolvenza ta' impriżi li jkollhom stabbilimenti f'diversi Stati Membri nħass bħala sors ta' inċertezza legali" [12]. Din l-inizjattiva tat lok għad-Direttiva 2002/74, li daħħlet l-Artikolu 8a ġdid fid-Direttiva 80/987, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinterpreta l-paragrafu 1 tiegħu fil-kuntest ta' dan ir-rinviju preliminari.

"*Artikolu 8a*

1. Meta impriża b'ħidmiet [attivitajiet] fit-territorji f'mill inqas żewġ Stati Membri tkun fi stat ta' insolvenza fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 (l), l-istituzzjoni responsabbli mill-ħlas tal-pretensonijiet pendenti ta' l-impjegati għandha tkun dik fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu dawn jaħdmu jew jaħdmu normalment.

2. Il-kobor tad-drittijiet ta' l-impjegati jiġi stabbilit mil-liġijiet li jirregolaw l-istituzzjoni kompetenti tal-garanzija.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi, fil-każijiet riferiti fil-paragrafu 1, id-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tal-proċeduri ta' insolvenza riferiti fl-Artikolu 2(1), li jkunu ntalbu fi Stat Membru ieħor, jitqiesu fil-waqt li jkun qiegħed jiġi deċiż l-istat ta' insolvenza ta' min iħaddem fit-tifsira ta' din id-Direttiva."

10. L-Isvezja adattat is-sistema legali tagħha għad-Direttiva 2002/74 permezz tal-Lönegarantilagen (liġi dwar il-garanzija tas-salarji), billi assenjat lill-Istat ir-responsabbiltà għall-ħlas ta' pretensjonijiet tal-impjegat meta min iħaddem "ikun suġġett […] għal proċedura ta' insolvenza skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 80/987/KEE tal-Kunsill, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom […]" (Artikolu 1(3)).

11. L-Artikolu 2(a) tal-liġi Svediża dwar il-garanzija tas-salarju jadotta espressament is-soluzzjoni prevista fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 2002/74, dwar is-sitwazzjonijiet transkonfinali, f'dawn it-termini:

"Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 1(3), il-ħlas fuq il-bażi tal-garanzija iseħħ biss jekk l-impjegat

12 — Proposta ta' direttiva, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, p. 8.

iwettaq, jew ikun wettaq, ix-xogħol tiegħu għal min iħaddmu prinċipalment fl-Isvezja.

Jekk min iħaddem ikun ġie ddikjarat fallut fl-Isvezja u l-impjegat iwettaq, jew ikun wettaq, ix-xogħol tiegħu għal min iħaddem prinċipalment f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea, ebda ħlas fuq il-bażi tal-garanzija m'għandu jseħħ".

IV — Il-proċedura preliminari

12. B'deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2007, il-Lunds tingsrätt għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti fil-kuntest tal-proċedura mibdija mill-awtorità ta' garanzija kontra Anders Holmqvist:

"1) L-Artikolu 8a tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, li ġiet emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa meħtieġ li impriża jkollha kumpannija sussidjarja jew ċentru ta' attività permanenti fi Stat Membru sabiex tkun ikkunsidrata bħala li hija attiva fit-territorju tiegħu?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għad-domanda 1), liema huma l-kundizzjonijiet li huma meħtieġa sabiex impriża tiġi kkunsidrata li hija attiva f'diversi Stati Membri?

3) Jekk l-impriża għandha tiġi kkunsidrata hija attiva fit-territorju ta' diversi Stati Membri u li ħaddiem jiżvolġi x-xogħol tiegħu għal din l-impriża f'diversi minn dawn l-Istati Membri, skont liema kriterji għandu jiġi ddeterminat il-post fejn ix-xogħol huwa eżerċitat normalment?

4) L-Artikolu 8a tad-Direttiva tal-Kunsill, 80/987/KE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu effet dirett?"

13. Ir-rikorrenti u l-konvenut fil-kawża prinċipali, il-Gvern tar-Renju Unit, tal-Italja, tal-Olanda, tal-Greċja u tal-Isvezja, kif ukoll il-Kummissjoni, ippreżentaw osservazzjoni-

jiet fit-terminu indikat fl-Artikolu 20 tal-Istatut KE tal-Qorti tal-Ġustizzja.

14. Matul is-seduta, dehru u nstemgħu jagħmlu t-trattazzjonijiet tagħhom il-konsulent legali ta' A. Holmqvist, kif ukoll l-aġenti tal-Gvern tal-Italja u tal-Greċja, u tal-Kummissjoni Ewropea.

V — L-ewwel u t-tieni domandi preliminari

15. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti nazzjonali tqajjem id-dubji tagħha dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987. Din id-dispożizzjoni Komunitarja tinkludi regola ta' ġurisdizzjoni bil-għan li jiġi stabbilit liema Stat għandu r-responsabbiltà biex jiggarantixxi s-salarju, meta jkun hemm "ħidmiet [attivitajiet] fit-territorji f'mill-inqas żewġ Stati Membri".

16. Fil-qosor, il-Lunds tingsrätt tixtieq tkun taf f'liema każ wieħed jista' jitkellem dwar ħidma transkonfinali skont l-istess Artikolu 8a, u titlob, permezz tat-tieni domanda tagħha, regoli ta' interpretazzjoni f'dan ir-rigward.

17. Iż-żewġ domandi preliminari huma marbutin mill-qrib, peress li t-tieni domanda tirriżulta li hija indispensabbli biex tkun tista' tingħata risposta għall-ewwel waħda, u għaldaqstant fil-fehma tiegħi dawn għandhom jiġu indirizzati flimkien.

18. Il-fehmiet tal-gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet f'dan ir-rinviju preliminari, tal-Kummissjoni u tal-konvenut fil-kawża prinċipali lkoll jaqblu li min iħaddem *ma operax* fi,mill-inqas, żewġ Stati Membri.

19. Filwaqt li invoka s-sentenzi Mosbaek u Everson, il-Gvern Taljan saħaq dwar l-importanza li għandha tingħata lir-rabtiet li l-impriża setgħet stabbilixxiet ma' Stat, b'mod li, peress li hija għandha preżenza kummerċjali suffiċjentement permanenti fi Stat Membru ieħor li miegħu hija żżomm ċerti kuntatti (bħal, pereżempju, il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema tagħha), hemm lok li wieħed jippreżumi li hija twettaq attività transkonfinali. Il-Gvern tal-Olanda u tal-Greċja, il-Kummissjoni u Anders Holmqvist jaqblu fuq dan il-punt. Ir-Renju Unit jargumenta b'mod simili iżda fuq il-bażi ta' raġunament oppost, peress li jeskludi l-eżistenza ta' attività f'diversi Stati fuq is-sempliċi bażi li impjegat ikollu jiċċaqlaq minn Stat għal

ieħor biex iwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu. Ilkoll jaqblu li mhuwiex neċessarju li jinfetaħ stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor sabiex tiġi kkonfermata sitwazzjoni transkonfinali, u li preżenza kummerċjali ta' ċerta dimensjoni hija biżżejjed f'dan ir-rigward.

20. Il-Gvern Svediż u r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li l-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987 ma jeżiġix, għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu, il-ħolqien ta' uffiċċju permanenti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, il-Gvern Svediż ma jagħtix elementi ermenewtiċi li jippermettu li jiġi ppreċiżat f'liema sitwazzjonijiet l-attivitajiet għandhom jitqiesu li twettqu f'diversi Stati, u huwa tal-fehma li huwa suffiċjenti għal dan il-għan li l-ħaddiem iwettaq normalment l-attività tiegħu f'wieħed minn dawk l-Istati. B'mod parallel, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tafferma li, meta persuna twettaq xogħol għal min iħaddimha f'diversi Stati Membri, wieħed jista' raġonevolment isostni li dan ix-xogħol isir fl-Istat fejn issir il-ħidma l-iktar sinjifikattiva; u li, f'dan il-każ, din il-ħidma twettqet barra mill-Isvezja.

21. L-ewwel żewġ domandi preliminari rrinvjati għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, tas-sentenzi Mosbaek u Everton, imsemmija iktar'il fuq, li jintraċċaw it-triq sabiex tintlaħaq soluzzjoni, biex b'hekk tiġi eliminata kull inċertezza dwar l-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987.

22. Is-sentenza Mosbaek eżaminat il-każ ta' mara li kienet twettaq attivitajiet ta' rappreżentanta kummerċjali fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Isvezja, il-Finlandja u l-Ġermanja, għal Colorgen, kumpannija Britannika b'uffiċċju rreġistrat fir-Renju Unit. L-impriża la kienet stabbilita u lanqas irreġistrata fid-Danimarka. Barra minn hekk, hija ma kellha ebda relazzjoni mal-amministrazzjoni Daniża, fil-qasam fiskali jew soċjali. Wara d-dikjarazzjoni ta' falliment tal-kumpannija u wara li ngħatat is-sensja lill-impjegati tagħha, Mosbaek talbet, fil-kapaċità ta' impjegata, il-ħlas ta' pretensjoni ta' salarju mill-fond ta' garanzija Daniż skont il-liġi Daniża. Il-fond ċaħad it-talba tagħha fuq il-bażi li din il-kompetenza kienet tal-Istat fejn min iħaddem kellu s-sede tiegħu. Mosbaek oppona dik id-deċiżjoni billi ppreżentat rikors ġuridiku, li fil-kuntest tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza fuq bażi ta' talba għal deċiżjoni preliminari fejn hija kkonfermat l-argument tal-fond ta' garanzija Daniż.

23. Għandhom jiġu indikati tliet konsegwenzi importanti li jirriżultaw mis-sentenza Mosbaek. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-bażi tal-għan tad-Direttiva 80/987, affermat li r-*ratio* tad-dispożizzjoni inkwistjoni jeħtieġ li tiġi magħżula l-istituzzjoni ta' garanzija li fit-territorju tagħha "jew tiġi deċiża il-proċedura ta' gradwazzjoni tal-krediturі, jew fejn tiġi kkonstatata l-għeluq definittiv ta' l-impriża jew ta' l-istabbiliment ta' min iħaddem" [13]. Isegwi li l-att formali ta' ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza, b'mod partikolari meta l-impriża jkollha elementi transkonfinali, jagħti indikazzjoni ċara f'dak li jikkonċerna li jiġi ddeterminat il-lok fejn jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet protetti

13 — Sentenza Mosbaek, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 20.

mid-Direttiva 80/987, u ma' din l-indikazzjoni għandha ssir ukoll referenza għar-regoli dwar ġurisdizzjoni previsti fit-testi Ewropej dwar il-proċeduri ta' falliment u ta' gradwazzjoni tal-krediturі ta' dimensjoni Komunitarja, li jwasslu wkoll għall-Istat tal-istituzzjoni ta' garanzija tas-salarji kompetenti [14].

24. Fit-tieni lok, is-sentenza Mosbaek żiedet żewġ kriterji addizzjonali oħra, fil-każ fejn min iħaddem jkollu rabtiet mill-qrib ma' Stat Membru ieħor, u l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat f'din is-sentenza li "l-istituzzjoni ta' garanzija kompetenti għall-ħlas tal-pretensjonijiet mhux imħallsa tal-impjegati hija dik li rċeviet jew, ta' mill-inqas, li kellha tirċievi l-kontribuzzjonijiet tal-persuna li tħaddem insolventi" [15]. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk fetħet il-bieb għat-tieni regola ta' ġurisdizzjoni, ibbażata fuq *id-destinatarju tal-kontribuzzjonijiet* imħallsa mill-impriżi. Jekk jirriżulta li l-ammonti kienu ingħataw lil istituzzjoni ta' garanzija Britannika, jew inkella kellhom jitħallsu lilha, iżda li dan ma sarx minħabba li min iħaddem sempliċement ma ħallas ebda kontribuzzjoni, huwa loġiku li l-fond ta' garanzija Britannika għandu jħallas huwa stess pretensjonijiet ta' salarji ulterjuri.

25. Fit-tielet lok, f'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-Direttiva "riedet, fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddem, l-intervent ta' l-istituzzjoni ta' garanzija ta' Stat Membru wieħed, u dan sabiex tiġi evitata konfużjoni inutli bejn is-sistemi nazzjonali u, b'mod partikolari, sitwazzjonijiet li fihom ħaddiem ikun jista' jitlob li jibbenefika mid-Direttiva f'diversi Stati Membri" [16]; minn dan jirriżulta li l-kompetenza għall-ħlas ta' pretensjonijiet iggarantiti hija ta' natura esklużiva peress li r-responsabbiltà ta' konformità mad-Direttiva 80/987 taqa' fuq fond ta' garanzija wieħed biss [17].

26. Fl-aħħar mill-aħħar, skont is-sentenza Mosbaek, il-fatt li impriża insolventi tkun wettqet operazzjonijiet fi Stati Membri oħrajn permezz tal-intermedju ta' rappreżentant mhuwiex element sostanzjali biżżejjed biex tinħoloq konnessjoni transkonfinali. Dan japplika *a fortiori* meta l-proċedura ta' gradwazzjoni tal-krediturі tkun infetħet fl-Istat fejn l-entità jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha

14 — Nirreferi, ċertament, għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU L 160, p. 1), fejn l-Artikolu 3 tiegħu, li jittratta dwar il-kompetenza internazzjonali, jippreskrivi, bħala regola ġenerali, li l-ġurisdizzjoni għandha tkun tal-qrati tal-Istat Membru "li fit-territorju tiegħu jkun jinstab iċ-ċentru ta' l-interessi prinċipali tad-debitur". Għandu jiġi mfakkar li s-sentenza Mosbaek ingħatat f'data preċedenti għal dik tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1346/2006, fi żmien meta kienu jeżistu diversi konvenzjonijiet internazzjonali bilatareli konklużi bejn diversi Stati Membri, peress li l-Konvenzjoni Ewropea dwar ċerti aspetti internazzjonali tal-falliment, innegozjata fil-kuntest tal-Kunsill tal-Ewropa u miftuħa għall-iffirmar f'Istanbul fil-5 ta' Ġunju 1990, qatt ma daħlet fis-seħħ.

15 — Sentenza Mosbaek, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 24.

16 — Sentenza Mosbaek, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 26.

17 — Il-Gvern Grieg isostni li, wara r-riforma tal-2002, id-Direttiva 80/987 emendat din il-kwistjoni rrilevata fis-sentenza Mosbaek, peress li l-Artikolu 8b, sa fejn jistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi kkonċernati, irrikonoxxa l-kompetenza kondiviża bejn id-diversi istituzzjonijiet nazzjonali ta' garanzija. Iżda emenda ta' dak it-tip teħtieġ dikjarazzjoni aktar ċara u definittiva min-naħa tal-leġiżlatur. La l-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni għall-proposta tagħha jew il-kontenut tad-dibattiti parlamentari, u lanqas il-premessi tat-test finalment adottat ma juru intenzjoni politika li jinħoloq mudell ta' garanzija għas-salarji fejn il-kompetenza tkun kondiviża.

u fejn ikunu tħallsu l-kontribuzzjonijiet, jew fejn kellhom jitħallsu, lill-fond ta' garanzija ta' dak l-Istat.

27. Is-sentenza Mosbaek kienet tirrigwarda sitwazzjonijiet fejn ma kienx hemm preżenza kummerċjali permanenti fi Stat Membru ieħor, filwaqt li s-sentenza Everson eżaminat is-sitwazzjoni opposta, jiġifieri dik ta' kumpannija stabbilita fl-Irlanda u li kellha fergħa fir-Renju Unit, fejn hija kienet tħaddem 200 impjegat li kienu jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom lill-awtoritajiet Britanniċi. B'differenza mis-sentenza Mosbaek, fejn "min kien iħaddem li kien insolventi ma kellu ebda stabbiliment fit-territorju tal-Istat Membru fejn l-impjegat kien jeżerċita l-attività tiegħu" [18], fil-kawża Everson "min iħaddem […] ikkonċernat kien stabbilixxa fit-territorju Britanniku, peress li kellu fergħa f'Avonmouth li kienet tħaddem iktar minn 200 impjegat, fosthom ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali" [19]. Fuq il-bażi ta' dawn il-premessi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-istituzzjoni kompetenti għall-ħlas tal-pretensjonijiet mhux imħallsa kienet "dik tal-Istat li fit-territorju tiegħu huma kienu jeżerċitaw l-impjieg tagħhom" [20].

28. Kif spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi ippreżentati fil-kawża Everson, wieħed ma jistax iqabbel il-preżenza ta' kumpannija Britannika fid-Danimarka, li għandha biss uffiċċju mikri u impjegat wieħed, ma fergħa li tħaddem iktar minn 200 impjegat, miftuħa fi Stat Membru minn kumpannija kkostitwita u li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru ieħor [21]. Id-differenza fit-trattament bejn dawn iż-żewġ każijiet issir iktar ċara meta tiġi eżaminata s-sitwazzjoni tal-ħaddiem, li hu, wara kollox, il-persuna li d-Direttiva 80/987 għandha l-intenzjoni li tipproteġi.

29. L-interpretazzjoni teleoloġika tikkostitwixxi l-mudell ermenewtiku l-iktar importanti użat mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-għanijiet segwiti minn test leġiżlattiv għandhom jintużaw sabiex id-dispożizzjonijiet tiegħu jiġu interpretati. B'ħekk, id-Direttiva 80/987, bl-istess mod bħad-Direttiva li emendatha tal-2002, tidher li hija ċara f'dan ir-rigward, peress li t-tnejn huma intenzjonati sabiex "tiġi żgurata ċ-ċertezza legali tal-impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-impriżi li jwettqu ħidmiethom [l-attivitajiet tagħhom] f'għadd ta' Stati Membri, u sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema" [22].

30. Fuq il-bażi ta' din il-premessa, li ispirat ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni li hija tat fil-kawżi Mosbaek u Everson, jiena nissuġġerixxi risposta negattiva għall-ewwel domanda u, fir-rigward taċ-ċirkustanzi fattwali tal-kawża prinċipali, jiena tal-fehma li impriża ta' transport li l-impjegati tagħha

18 — Sentenza Everson, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 23.

19 — *Ibid*, punt 23.

20 — *Ibid*, punt 24.

21 — Konklużjonijiet iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 23.

22 — Il-kontenut sħiħ tas-seba' premessa tad-Direttiva 2002/74 juri l-intenzjoni tal-leġiżlatur f'dan il-qasam: "Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali lill-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' l-impriżi li jkunu jwettqu ħidmiethom [l-attivitajiet tagħhom] f'għadd ta' Stati Membri, u sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema skond il-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet li espressament jiddikjaraw liema istituzzjoni hija responsabbli sabiex tħallas il-pretensjonijiet […] pendenti ta' l-impjegati […]".

jwettqu attivitajiet ta' tgħabbija u ħatt fi Stati Membri oħra, li fihom din l-impriża m'għandha ebda preżenza kummerċjali permanenti, ma tistax tiġi kkwalifikata bħala impriża "b'ħidmiet [attivitajiet] fit-territorju f'mill-inqas żewġ Stati Membri", skont l-espressjoni użata fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987.

31. Din il-konklużjoni hija ssostanzjata minn tliet raġunijiet sodi.

32. Fl-ewwel lok, il-ġurisprudenza kkonfermat li rappreżentanza bħal dik li kienet tipprovdi C. Mosbaek ma kinitx tikkostitwixxi "attività fi Stat Membru ieħor". Min-naħa l-oħra, dan kien il-każ għal kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u li kellha fi ħdanha għadd kbir ta' impjegati, bħal fil-kawża Everson. Dawn iż-żewġ sentenzi jissuġġerixxu li l-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ *preżenza* kummerċjali bi ħsieb ta' *permanenza* [23]. Bit-terminu preżenza, nirreferi għal infrastruttura li tħaddan riżorsi umani u materjali. Il-kiri ta' uffiċċju u l-ħatra ta' rappreżentant, bħal ma kien il-każ fil-kawża Mosbaek, mhumiex biżżejjed. Il-kelma permanenza tevoka stabbiltà maż-żmien, flimkien ma' rieda soda li tinżamm il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

33. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja użat l-istess prudenza meta eżaminat dan l-aspett f'kawżi li jirrigwardaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment. Sa mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja [24], id-definizzjoni tal-kunċett ta' "stabbiliment" ġiet estiża, sal-punt li ġie aċċettat li "impriża [...] ta' Stat Membru li żżomm, fl-Istat Membru inkwistjoni, preżenza permanenti taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar id-dritt ta' stabbiliment u dan ukoll jekk din il-preżenza ma tkunx ħadet il-forma ta' fergħa jew aġenzija, iżda li tiġi eżerċitata permezz ta' uffiċċju, mmexxi mill-personal stess tal-impriża, jew minn persuna indipendenti, iżda li hija awtorizzata sabiex taġixxi b'mod permanenti għaliha bħal fil-każ ta' aġenzija" [25]. Din l-estensjoni tal-kunċett għal oqsma li fihom preżenza *stricto sensu* mhijiex

23 — It-termini *preżenza u permanenza* fil-fehma tiegħi huma partikolarment adatti biex juru t-tip ta' aġir li jagħti lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987. Huwa wkoll f'dan is-sens li l-Kummissjoni interpretatu fil-proposta inizjali tagħha ta' riforma fl-2001, meta hija ddefinixxiet is-sitwazzjoni bħala dik ta' "persuna li tħaddem [li jkollha] preżenza kummerċjali suffiċjentement permanenti" (p. 10 tal-proposta, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10).

24 — Sentenza tal-4 ta' Diċembru 1986 (205/84, p. 3755).

25 — *Ibid*, punt 21.

meħtieġa tfisser ir-rikonoxximent ta' dan il-kompromess, li fil-kuntest tiegħu impriża tista' teżerċita l-attivitajiet tagħha fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma jkollha tiġi adottata definizzjoni riġida tal-kunċett ta' permanenza [26].

34. Fit-tielet lok, il-ġurisprudenza turi wkoll ċerta preokupazzjoni partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni professjonali tal-impjegati li jitolbu d-drittijiet tagħhom. Din is-sensittività tidher b'mod ċar fil-każijiet li jirrigwardaw il-garanziji tas-salarji u mhijiex b'koinċidenza li ingħatat attenzjoni partikolari għall-post li fih jitħallsu il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew għall-"ambjent soċjali u lingwistiku" li jkun familjari għall-ħaddiema, sabiex tiġi stabbilita konnessjoni ma' Stat Membru ieħor.

35. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987 għandu jiġi interpretat fis-sens li impriża għandha "ħidmiet [attivitajiet] fit-territorji f'mill-inqas żewġ Stati Membri" meta hija jkollha preżenza kummerċjali permanenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Biex tiġi evalwata l-eżistenza ta' konnessjoni transkonfinali, il-ġurisprudenza tissuġġerixxi żewġ kriterji: minn naħa waħda, l-infrastruttura ta' riżorsi materjali u umani meħtieġa, flimkien ma' intenzjoni ta' stabbiltà, fi Stat Membru ieħor; u min-naħa l-oħra, ir-rabta soċjali u lingwistika tal-ħaddiema li jressqu l-pretensjonijiet tagħhom quddiem l-istituzzjoni ta' garanzija. Dawn iż-żewġ kriterji jippreżupponu distakkament mill-kunċett ta' "stabbiliment" stabbilit mill-ġurisprudenza, peress li għandu jiġi kkunsidrat l-aspett soċjoprofessjonali, li huwa l-prijorità tal-protezzjoni tad-Direttiva 80/987. Madankollu, kif diġà antiċipajt, l-iżvilupp tal-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 43 KE iservi bħala strument ermenewtiku.

36. Fattur ieħor li jiġġustifika, f'din il-kawża, distakk mill-kunċett Komunitarju ta' stabbiliment jinsab fil-ġenesi leġiżlattiva tar-riforma li saret permezz tad-Direttiva 2002/74. Fittest inizjali tal-proposta tal-Kummissjoni, l-Artikolu 8a attwali kien isemmi impriżi li għandhom "*stabbiliment* fit-territorju ta' mhux inqas minn żewġ Stati Membri". It-test ġie sussegwentement immodifikat sakemm intlaħqet il-formulazzjoni preżenti tiegħu li tirreferi għall-impriżi li jkollhom "ħidmiet [attivitajiet]" f'dan it-territorju.

37. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-impriża Jörgen Nilsson Akeri och Spedition AB għandha tiġi evalwata fid-dawl tar-regoli msemmija hawn fuq. Jirriżulta mid-digriet tar-rinviju li din il-kumpannija m'għandhiex rappreżentanza permanenti fi Stat Membru ieħor, bla ħsara għall-fatt li l-attivitajiet tagħha, meta titqies in-natura stess tat-tras-

26 — Sentenzi tat-12 ta' Lulju 1984, Klopp (107/83, Ġabra p. 2971) punt 19, tal-10 ta' Lulju 1986, Segers (79/85, Ġabra p. 2375), punt 16; tat-28 ta' Jannar 1986, Il-Kummissjoni vs Franza (270/83, Ġabra p. 273) punt 14, tat-12 ta' Frar 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (221/85, Ġabra p. 719) punt 10, u tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, Ġabra p. I-4165). Din hija evoluzzjoni li tilħaq il-qofol tagħha fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 1999, Centros, (C-212/97, Ġabra p. I-1459). Bl-istess mod, jidhirli li hija rilevanti d-definizzjoni tal-kunċett ta' "stabbiliment" mogħtija fil-Artikolu 2(h) tar-Regolament Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment, iċċitat iktar 'il fuq, li jgħid li dan il-kunċett ifisser "xi post ta' operazzjonijiet fejn id-debitur iwettaq l-attività ekonomika tiegħu mhux tranżitorja b'mezzi umani jew oġġetti". Ara f'dan ir-rigward, V. Edwards, "Secondary Establishment of Companies — The Case Law of the Court of Justice", *Yearbook of European Law*, Nru 18, 1998, u S. Sánchez Lorenzo, "Comentario a la sentencia Centros", *Anuario de Derecho Internacional privado*, Nru 0, pp. 1145 *et sequitur*.

port tal-merkanzija, huma essenzjalment transkonfinali. Il-fatt li hija m'għandha ebda fergħa jew aġenzija fi Stat Membru ieħor, flimkien mas-sitwazzjoni professjonali tal-impjegati tagħha, li, fir-rigward ta' A. Holmqvist, hija marbuta soċjalment u ekonomikament mat-territorju Svediż, twassalni sabiex inqis, f'din il-kawża, illi din mhijiex impriża li teżerċita "ħidmiet [attivitajiet] fit-territorji f'mill-inqas żewġ Stati Membri", skont l-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987.

38. Fuq il-bażi ta' dawn l-argumenti kollha, jidher ċar li l-pretensjonijiet ta' salarju dovuti lil A. Holmqvist għandhom jitressqu quddiem l-awtorità ta' garanzija Svediża.

39. Fil-fehma tiegħi b'hekk huma riżolti l-ewwel żewġ domandi magħmula mil-Lunds tingsrätt, kif ukoll ir-rinviju preliminari fit-totalità tiegħu. It-tielet u r-raba' domandi jistħoqilhom li jiġu eżaminati biss kieku r-risposta għad-domandi preċedenti ħadet direzzjoni oħra. Madankollu, fl-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-proposta tiegħi, jiena ser nittratta dwar l-aħħar żewġ domandi tal-qorti Svediża.

VI — It-tielet domanda preliminari

40. Fl-ipoteżi fejn jiġi kkunsidrat li l-impriża inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet wettqet l-attivitajiet tagħha fit-territorji ta' mill-inqas żewġ Stati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987, il-Lunds tingsrätt tixtieq tkun taf il-kriterji għall-assenjazzjoni ta' kompetenza lil waħda mill-istituzzjonijiet ta' garanzija implikati, peress li, għalkemm id-Direttiva ssemmi l-istituzzjoni ta' "l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu [l-impjegati] jaħdmu jew jaħdmu normalment", hija tixtieq li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti definizzjoni iktar preċiża ta' dan it-terminu.

41. Il-Gvern tar-Renju Unit u l-Gvern tal-Italja jsostnu li din id-definizzjoni, għalkemm mhijiex adottata espressament fid-Direttiva, min-naħa l-oħra tirriżulta b'mod ċar fis-sentenza Everson, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li jekk "min iħaddem ikollu diversi stabbilimenti fi Stati Membri differenti, jeħtieġ li ssir referenza, sabiex tiġi ddeterminata l-istituzzjoni ta' garanzija kompetenti, bħala kriterju addizzjonali u meta jitqies l-għan soċjali tad-Direttiva, għall-post ta' attività tal-ħaddiema. Dan effettivament jikkorrispondi, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, għall-ambjent soċjali u lingwistiku li jkun familjari għalihom".

42. Huma jirreferu għall-aħħar inċiż tas-sentenza Everson, fejn huwa rrikonoxxut li l-kuntest soċjoprofessjonali tal-impjegat,

iktar milli dak ta' min iħaddem, jikkostitwixxi l-element essenzjali li jippermetti li jiġi ddeterminat liema hija l-istituzzjoni ta' garanzija kompetenti.

43. Il-Gvern tal-Olanda jiddefendi pożizzjoni simili, għalkemm fuq bażi differenti. L-eżami min-naħa tiegħu tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fid-dritt Komunitarju jwasslu sabiex jadotta pożizzjoni protettiva fir-rigward tal-ħaddiema, billi jiffoka fuq il-post fejn huma effettivament jeżerċitaw l-obbligi tagħhom, kemm-il darba jkun jikkostitwixxi l-ambjent professjonali tagħhom li huwa l-iktar qrib.

44. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tipproponi li jintgħażel il-post fejn il-ħaddiem iwettaq l-iktar parti sinjifikattiva tar-responsabbiltajiet professjonali tiegħu. F'din il-kawża, dawn ir-responsabbiltajiet ġew eżerċitati barra mit-territorju Svediż; iżda din il-parti ma toffrix soluzzjoni alternattiva li tippermetti lil A. Holmqvist li jasserixxi l-pretensjonijiet tiegħu quddiem istituzzjoni waħda.

45. Madankollu, il-Gvern Svediż isostni li r-risposta għandha, b'mod konformi malgħan tad-Direttiva 80/987, tagħti prijorità lill-protezzjoni tal-ħaddiem u jissuġġerixxi li l-istituzzjoni kompetenti hija dik tal-Istat fejn il-ħaddiem għandu r-residenza tiegħu.

46. A. Holmqvist jesprimi l-preferenza tiegħu li l-iktar għażla xierqa hija dik tal-istituzzjoni Svediża ta' garanzija, peress li kull perijodu ta' xogħol kien jibda u jispiċċa fl-Isvezja; il-kumpannija hija preżenti biss fl-Isvezja; il-ħaddiema kienu jirċievu s-salarju tagħhom fl-Isvezja, huma jaqgħu taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali Svediża; u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kienu jinżammu mis-salarju tagħom u kienu jitħallsu lill-amministrazzjoni fiskali ta' dan l-Istat Membru.

47. Fid-dawl tar-risposta negattiva li hija tissuġġerixxi għall-ewwel żewġ domandi, il-Kummissjoni ma ppreżentat ebda osservazzjoni dwar l-aħħar żewġ domandi.

48. Kif diġà spjegajt, il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tal-ġurisprudenza tagħha, stabbilixxiet ir-raġunijiet li jippermettu li jiġi stabbilit meta impriża għandha titqies li topera f'diversi Stati Membri, fil-kuntest tad-Direttiva 80/987. Nirreferi għal din il-ġurisprudenza sabiex ninkwadra t-tielet domanda tal-qorti tar-rinviju.

49. Is-sentenza Everson tagħti lok għal riflessjoni importanti. Diġà semmejt il-punt 22 tagħha, li fih il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-post ta' attività tal-ħaddiema bħala element li joħloq konnessjoni. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, f'dan l-istess punt, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ukoll li dan il-post "jikkorrispondi, *fil-biċċa l-kbira tal-każijiet*, għall-ambjent soċjali u lingwistiku li jkun

familjari għalihom" [27]. Nenfasizza din il-frażi għaliex din turi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li jista' jkun hemm elementi oħrajn ta' konnessjoni li jikkostitwixxu assenjazzjoni ta' kompetenza.

50. Biex jiġu elaborati dawn il-kriterji, jeħtieġ li neżaminaw ir-regoli ta' ġurisdizzjoni internazzjonali attwalment fis-seħħ fid-dritt Komunitarju [28]. B'mod ċar, din m'hijiex problema ta' natura ġuridika peress li d-dubji mqajma f'din il-kawża jirrigwardaw awtorità ta' natura amministrattiva. Madankollu, peress li jeżistu regoli ta' ġurisdizzjoni filqasam tal-liġi dwar l-impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla tal-forum f'kawżi dwar kuntratti ta' impjieg, din l-analiżi għandha tibda billi tħares lejn dawn id-dispożizzjonijiet.

51. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [29], jistabbilixxi, fl-Artikolu 19 tiegħu, forum speċifiku fir-rigward ta' kuntratti ta' impjieg individwali. B'mod konformi mal-għan ta' protezzjoni tal-ħaddiem li inspira d-Direttiva 80/987, din id-dispożizzjoni tippermetti li min iħaddem iddomiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi imfittex "fil-qrati tal-Istat Membru fejn jkun domiċiljat", jew, inkella, fi Stat Membru ieħor. B'hekk ġie stabbilit il-prinċipju tal-*forum loci laboris,* iżda dan il-forum huwa rrikonoxxut flimkien ma' tnejn oħra: il-qrati tal-post fejn l-impjegat normalment iwettaq ix-xogħol tiegħu jew, jekk huwa ma jkunx iwettaq ix-xogħol tiegħu fi Stat wieħed, "il-qrati [qorti] tal-post fejn ikun jinstab in-negozju li kien jimpiega lill-impjegat" [30].

52. B'differenza mill-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987, li jipprovdi biss forum wieħed, ir-Regolament Nru 44/2001 jagħti firxa ta' alternattivi, iżda dejjem bil-għan li tiġi mħarsa l-pożizzjoni tal-parti l-iktar dgħajfa, f'dan il-każ il-ħaddiem [31].

53. Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-

27 — Enfasi miżjuda minni.

28 — Il-Gvern tal-Olanda u A. Holmqvist jaqblu dwar din l-analiżi.

29 — ĠU 2001 L 12, p. 1.

30 — Ara f'dan ir-rigward, M.V. Polak, "Jurisdiction and Choice-of-Law Aspects of Employment Contracts", f'J. Meeusen, M. Pertegás u G. Straetmans (ed.), *Enforcement of International Contracts in the European Union. Convergence and divergence between Brussels I and Rome I*, Intersentia, Antwerpen-Oxford-New York, 2004, p. 326 sa 331.

31 — Dan huwa kkonfermat mir-Regolament stess li fit-tlettax-il premessa tiegħu jiddikjara: "B'relazzjoni ma' [...] kuntratti [ta'] impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b' regoli ta' ġurisdizzjoni [...] aktar favorevoli għall-interessi tiegħu milli hemm provduti fir-regoli ġenerali.". Essenzjalment, kif jiktbu M. Virgós Soriano u F.J. Garcimartín Alférez, *Derecho procesal civil international*, it-Tieni Edizzjoni, Civitas, Madrid, 2007, p. 133, ir-*ratio* ta' din il-konnessjoni hija intiża b'mod ċar sabiex "il-qrati tal-post fejn il-ħaddiem ikun iwettaq l-attività tiegħu [ikunu], fil-prinċipju, forum qrib tal-ħaddiem u, għaldaqstant, sabiex l-ispejjeż ta' aċċess għal protezzjoni ġudizzjarja [jiġu mnaqqsa]". Huwa wkoll sinjifikattiv li r-Regolament Nru 44/2001, għall-kuntrarju tat-test li kien hemm qablu, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Brussell, jinkludi sezzjoni speċifika li tittratta dwar il-karatteristiċi partikolari ta' kuntratti ta' impjieg internazzjonali.

qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [32] tadotta l-istess tendenza; l-Artikolu 6 tagħha jagħti lill-impjegat il-possibbiltà li jagħmel parti minn proċeduri gudizzjarji "fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-ħaddiem qiegħed jew ġie kkollokat, mingħajr preġudizzju, meta applikabbli, bla ħsara, taħt konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti dwar il-ġurisdizzjoni, li jinfetħu proċeduri fi Stat ieħor". Din ir-referenza tfisser li teżisti n-neċessità li l-ħaddiem ikollu aċċess għall-qrati fit-territorju li fil-fehma tiegħu jkun l-iktar xieraq. B'mod definittiv, dan jikkonsisti fit-tqassir tad-distanza bejn il-ġuriżdizzjoni u l-parti f'kawża [33].

54. Ħarsa ta' malajr lejn ir-regoli dwar il-liġi applikabbli tagħti strumenti sorprendentement simili. Bl-istess mod bħal ma seħħ fir-rigward tar-Regolament Nru 44/2001, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali [34] jinkludi regola dwar il-kunflitt bejn liġijiet alternattivi, sabiex, fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet, il-kuntratt ta' impjieg jiġi rregolat mill-Istat li fih l-impjegat normalment iwettaq l-attivitajiet professjonali tiegħu. Fin-nuqqas ta' preżenza permanenti fi Stat wieħed, tiġi applikata l-liġi tal-pajjiż "fejn jinsab l-istabbiliment li jkun impjega lill-ħaddiem, ħlief jekk jirriżulta miċ-ċirkustanzi kollha li l-kuntratt ta' xogħol huwa konness iktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor, f'liema każ għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor" [35].

55. Kif diġà spjegajt, it-testi leġiżlattivi li jinkludu regoli dwar il-ġurisdizzjoni jew dwar il-liġi applikabbli, speċifikament għall-kuntratti ta' impjieg, jimmiraw li jilħqu bilanċ bejn il-konnessjoni u l-protezzjoni tal-impjegati, u għaldaqstant jipproponu alternattivi differenti, li madankollu għandhom għan komuni, jiġifieri li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja tal-ħaddiem b'mod illi jkun jista' jinvoka liġi li hija qrib is-sitwazzjoni legali u professjonali tiegħu. It-test tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, fejn jirreferi għal kuntratt li "ikun iktar marbut" ma' pajjiż ieħor, probabbilment huwa iktar espliċitu [36]. Dawn il-konnessjonijiet ma' territorju partikolari jistgħu jintużaw bħala referenza sabiex jinstab ambjent adattat li jiggarantixxi l-protezzjoni ġuridika tal-ħaddiem.

32 — Direttiva tas-16 ta' Diċembru 1996 (ĠU 1997, L 18, p. 1).

33 — S. Sánchez Lorenzo J.C. Fernández Rozas, *Derecho Internacional Privado*, it-Tielet Edizzjoni, Civitas, Madrid, p. 480-481, enfasizzat l-għan komuni ta' din id-direttiva u ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn dwar ġurisdizzjoni.

34 — Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-iffirmar f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (ĠU L 266, p 1).

35 — Għandu jiġi enfasizzat li l-proposta ta' regolament dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I), imfassla mill-Kummissjoni u li bħalissa tinsab fil-faži ta' eżami Parlamentari, tadatta l-Konvenzjoni ta' Ruma bil-għan li "tiġi kkunsidrata l-ġurisprudenza tal-QĠKE […] u mit-tfassil wiesgħa tagħha tal-lok normali tax-xogħol (proposta tal-Kummissjoni, COM(2005) 650 finali, p. 7). Il-kuntest u l-konsegwenzi eventwali tal-modifika tat-test ġew analizzati minn P. Venturi, "Alcune osservazioni sui contratti individuali di lavoro nella proposta di regolamento 'Roma I'", f'P. Franzina (ed.), *La legge applicabile ai contratti nella proposta di regolamento 'Roma I'*, CEDAM, Milan, 2006, p. 65 — 74. Dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl tal-ġurisprudenza nazzjonali, ara R. Plender u M. Wilderspin, *The European Contracts Convention. The Rome Convention on the Law Aplicable to Contractual Obligations*, it-Tielet Ed., Sweet & Maxwell, Londra, 2008, p. 169 — 171.

36 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex opportunità tinterpreta l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, peress li, kif huwa magħruf, matul is-sbatax-il sena tal-eżistenza tagħha, il-Konvenzjoni ma tat lok għal ebda rinviju preliminari.

56. Fl-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari dawk tar-Regolament Nru 44/2001 (fil-verżjoni konvenzjonali preċedenti tagħha), il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li, meta ħaddiem iwettaq ix-xogħol tiegħu f'diversi Stati, il-post ta' "twettiq abitwali" huwa dak li jkun konness bl-iktar mod sinjifikattiv mal-kawża [37]. Fil-kawża Mulox IBC [38], id-direttur ta' marketing internazzjonali ta' impriża stabbilita f'Londra, li kienet twettaq attivitajiet kummerċjali fil-Ġermanja, il-Belġju, l-Olanda u fil-Pajjiżi Skandinavi, kienet fetaħ l-uffiċċju tiegħu fissede ta' Aix les Bains (Franza); sa minn data partikolari, huwa beda jikkonċentra l-biċċa l-kbira tax-xogħol tiegħu fit-territorju Franċiż. Għall-finijiet li tiddetermina l-post fejn kien jaħdem normalment, il-Qorti tal-Ġustizzja ikkunsidrat il-fatt li huwa kien iwettaq il-funzjonijiet tiegħu "minn uffiċċju li jinsab fi Stat kontraenti, fejn il-ħaddiem kien stabbilixxa r-residenza tiegħu, u minn fejn kien eżerċita l-attivitajiet tiegħu u fejn kien imur lura wara kull ċaqliq professjonali" [39].

57. Jirriżulta minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li, f'kuntest ta' xogħol fejn id-dibattitu jkun jirrigwarda l-forum adattat sabiex ħaddiem ikun jista' jsostni d-drittijiet tiegħu, l-eżami tal-fatti ma jistax isir mingħajr ma jiġu kkunsidrati s-sitwazzjoni legali u personali tal-ħaddiem. Fuq il-bażi ta' din il-premessa, l-ambjent l-iktar qrib tal-ħaddiem għandu jipprovdi l-konnessjoni l-iktar ġusta [40].

58. Madankollu, jekk dan ir-raġunament jiġi estiż għad-Direttiva 80/987, għandu jiġi enfasizzat, l-ewwel nett, li b'differenza mir-regoli dwar ġurisdizzjoni jew dwar il-liġi applikabbli, li jagħtu risposti alternattivi, l-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987 jindika biss forum wieħed. Il-Gvern Grieg argumenta li din il-kompetenza mhijiex esklużiva iżda, fis-sentenza Mosbaek, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat il-kuntrarju.

59. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena nxaqleb lejn l-adozzjoni ta' kriterju fiss, li jservi bħala

37 — F'dan ir-rigward, ara N. Marchal Escalona, "Lugar en el que el trabajador desempeña habitualmente su trabajo: ayer, hoy y mañana", *La Ley*, Nru 5986, 2004.

38 — Sentenza tat-13 ta' Lulju 1993 (C-125/92, Ġabra p. I-4075).

39 — *Ibid*, p. 25.

40 — Dan jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fittotalità tagħha u, b'mod partikolari, mis-sentenza Mulox IBC, kif ukoll mis-sentenzi tas-26 ta' Mejju 1982, Ivenel (133/81, Ġabra p. 1891) punti 14 u 16, tad-9 ta' Jannar 1997, Rutten (C-383/95, Ġabra p. I-57) punt 17, u tal-10 ta' April 2003, Pugliese (C-437/00, Ġabra p. I-3573) punt 18. Reċentement, fil-kuntest ta' interpretazzjoni għall-ewwel darba tal-kontenut relatat mad-dritt dwar l-impjieg tar-Regolament Nru 44/2001, l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro sostna dwar in-natura protezzjonista ta' dan it-test meta mqabbel mal-predeċessur konvenzjonali tiegħu: "[…] l-awturi tar-Regolament Nru 44/2001 xtaqu joħolqu sezzjoni speċifika li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni f'materja ta' kuntratti ta' impjieg peress li kkunsidraw li 'l-parti l-inqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni l-iktar favorevoli għall-interessi [tagħha] milli hemm provduti fir-regoli ġenerali'". F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun sorprendenti jekk l-imsemmija awturi, bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, kellhom il-ħsieb li jċaħħdu lill-impjegat mill-benefiċċju ta' regoli iktar favorevoli li minnhom huwa kien jibbenefika fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Brussell qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-regolament.". [Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-kawża Glaxosmithkline, C-46), moqrija fis-17 ta' Jannar 2008, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tatx deċiżjoni, punt 21].

preżunzjoni favur lok fejn il-ħaddiem ikun wettaq normalment ix-xogħol tiegħu. Fil-fehma tiegħi, il-lok fejn jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jistgħu jkopru l-eventwali talbiet għal salarji mhux imħallsa huwa dak li jirrappreżenta bl-aħjar mod ir-realtà legali u personali tal-impjegat.

60. Madankollu, din il-preżunzjoni hija konfutibbli u għandha tiġi stabbilita regola għal każijiet speċifiċi, sabiex is-sistema tingħata ċerta flessibbiltà, b'mod konformi mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta Ruma u mal-pożizzjoni li jiena ddefendejt fil-konklużjonijiet tiegħi ċċitati iktar'il fuq fil-kawża Everson: bħala klawżola ta' salvagwardja, il-kompetenza għandha tkun tal-Istat Membru fejn ikun jinsab "l-ambjent soċjali u lingwistiku li huwa familjari" għall-impjegati.

61. F'din il-kawża, m'hemmx għalfejn tintuża l-klawżola ta' salvagwardja, peress li l-impriża inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' A. Holmqvist fl-Isvezja u ma kien jidher li hemm ebda konnessjoni soċjali jew lingwistika li toħloq konnessjoni lill-impjegat ma' xi territorju ieħor tal-Unjoni, li huwa kien jgħaddi minnu b'mod sporadiku (f'dan il-każ, l-Italja, l-Awstrija u l-Ġermanja) fil-kuntest ta' ċaqliq li huwa kien jagħmel għal min iħaddmu.

62. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata lil-Lunds tingsrätt hija li, sabiex jiġi ddeterminat il-lok li fih il-ħaddiem iwettaq normalment il-funzjonijiet tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 8a tad-direttiva, dan għandu jkun konness mat-territorju fejn min iħaddem ikun ħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali korrispondenti, ħlief fil-każ fejn, fuq bażi eċċezzjonali, il-ħaddiem ikollu konnessjoni soċjali jew lingwistika ma' territorju ieħor tal-Unjoni.

VII — Ir-raba' domanda preliminari

63. Fl-aħħar nett, il-qorti nazzjonali ssaqsi dwar l-effett dirett tal-Artikolu 8a tad-Direttiva 80/987.

64. B'mod koerenti mal-ispjegazzjonijiet preċedenti, din id-domanda m'għandhiex tiġi eżaminata ħlief fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mill-Isvezja.

65. L-Artikolu 2(a) tal-Lönegarantilagen jittrasponi l-Artikolu 8a tad-Direttiva u b'hekk għandu jiġi interpretat fid-dawl tad-dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju [41]. Is-subparagrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali

41 — Sentenzi tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, Ġabra p. 1651) punt 26, u tal-4 ta' Frar 1988, Murphy *et* (157/86, Ġabra p. 673) punt 11. Skont J.H. Jans, R. de Lange, S. Prechal u R.J.G.M. Widdershoven,, *Europeanisation of Public Law*, Europa Law Publishing, Groningen, 2007, p. 106 u 107, il-ġurisprudenza b'mod ċar tagħti preferenza lill-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi, għad-dannu tal-effett dirett.

jistabbilixxi li "[j]ekk min iħaddem ikun ġie ddikjarat fallut fl-Isvezja u l-impjegat iwettaq, jew ikun wettaq, ix-xogħol tiegħu għal min iħaddmu prinċipalment f'pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea, m'għandu jsir ebda ħlas fuq il-bażi tal-garanzija". Essenzjalment, din id-dispożizzjoni tuża' formulazzjoni negattiva filwaqt li d-Direttiva tesprimi ruħha f'termini pożittivi. Meta l-leġiżlatur Svediż jirreferi għal xogħol imwettaq "prinċipalment f'pajjiż ieħor", għandu jiġi kkunsidrat li huwa jirreferi għal espressjoni ekwivalenti "il-ħdima normali" fi Stat Membru ieħor, użata fl-Artikolu 8a tad-Direttiva.

66. Għaldaqstant, sa fejn il-leġiżlazzjoni Svediża tista' tiġi interpretata b'mod konformi mad-Direttiva 80/987, ir-raba' domanda preliminari m'għandhiex tiġi eżaminata iktar fil-fond.

VIII — Konklużjoni

67. Fuq il-bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari rrinvjati mil-Lunds tingsrätt, billi tistabbilixxi bi dritt li:

"1) L-Artikolu 8a tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE , tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, li ġiet emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeħtieġx li impriża jkollha sussidjarja jew ċentru ta' attività permanenti sabiex jiġi kkunsidrat li hija twettaq attivitajiet mill-inqas f'żewġ Stati Membri.

2) Biex impriża titqies li twettaq l-attivitajiet tagħha f'diversi Stati Membri, jeħtieġ li jiġu evalwati żewġ kriterji: fl-ewwel lok, l-infrastruttura ta' riżorsi materjali u umani indispensabbli, flimkien ma' intenzjoni ta' permanenza, fi Stat Membru ieħor; u min-naħa l-oħra, il-konnessjoni soċjali u lingwistika tal-ħaddiema li jressqu l-pretensjonijiet tagħhom quddiem l-istituzzjoni ta' garanzija.

3) Il-post fejn il-ħaddiem iwettaq jew wettaq "normalment ix-xogħol" huwa dak fejn jitħallsu l-kontribuzzjonijiet korrispondenti tas-sigurtà soċjali, intenzjonati biex ikopru l-eventwalità ta' talba għal salarji, ħlief fil-każ fejn, fuq bażi eċċezzjonali, il-ħaddiem ikollu konnessjoni soċjali jew lingwistika ma' territorju ieħor tal-Unjoni."